*"Dar Birzebbuga", Triq Santa Marija, Birżebbuġa Tel : +356 21650165* *e-mail: birzebbuga.lc@gov.mt*

Motto: **PAĊI U SAĦĦA LIL KULĦADD**

*Minuti tas- seduta numru 16 tas-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa, li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali nhar il-Erbgħa 17 ta' Frar 2016 fis-5:30p.m.*

**Preżenti :**

| | |
|---|---|
| Kunsilliera | Kevin Barun (K.B.) |
| | Joseph Cutajar (J.C) |
| | Joseph Baldacchino (J.B.) |
| | Leanne Grech (L.G.) |
| | Josette Busuttil (J.B.D) |
| | Herman Reuben Schiavone (HS) |
| | Stanley Zammit (S.Z.) |
| Segretarju Eżekuttiv | Svetlick Flores (SF) |

Skużati

Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ: Scott Camilleri (SC) skużat

Membri tal-pubbliku: 3

---

**Aġenda għal-laqgħa:**

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Uffiċċjali u Membri tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Offerti Pubbliċi.
10. Derogi u Responsabiltajiet
11. Estimi Finanzjarji Għas-Sena 2016
12. Rapport Finanzjarju tar-4 Kwart tas-sena.
13. Pjan ta Ħidma 2016-2018
14. Financial Statements – sal-aħħar ta' Diċembru 2015
15. Talbiet għal-danni sofferti
16. Green Urban Areas Project
17. Traffiku u Parkeġġ.
18. Indafa u Ambjent
19. Ġonna, Parks, u Soft Areas
20. Utilitajiet u Servizzi

21. Infrastruttura
22. Attivitajiet
23. Materji oħra
24. Aġġornament tal-Laqgħa

**Il-laqgħa bdiet fil-5.45 pm.**

**Is-Sindku, s-Sur Kevin Barun flimkien ma' dawk preżenti qalu t-talba.**

**L-ambaxxatur lokali taż-żagħżagħ Scott Camilleri talab li jkun skużat minħabba raġunijiet edukattivi.**

**15/1 Approvazzjoni tal-Minuti**

15/1.1 Il-minuti tal-ħmistax (15)-il laqgħa tal-Kunsill ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

15/1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 ġew approvati unanimament wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier HS, ssekondata mill-Kunsillier SZ. Konsegwentement ġew iffirmati l-minuti tal-laqgħa Numru 15 tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**15/2 Punti imqajjma mill-minuti**

15/2.1 Ma kienx hemm punti imqajjma mill-minuti.

**15/3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

15/3.1 Is-Sindku fakkar fir-rigward tal-laqgħa tal-Kabinett li ser tinżamm ġewwa s-Sala ta Santa Rita, Birzebbuga, fit-23 ta Frar. Huwa informa li ser ikun qed iressaq numru ta punti u stieden lill-Kunsilliera jagħtu l-veduti tagħhom.

15/3.1.1 Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jiġu preżentati punti dwar
- il-Piċċ u il-Grawnds,
- L-użu tal-art Depot 31 ta Marzu, u l-Ex impjant tal-gass,
- il-bżonn ta bypass,
- bżonn ta' attenzjoni lill Triq San Patrizju, Triq tal-Ġebel, u Triq tal-Papa, fost oħrajn, kif ukoll asfaltar ta sqaqien minn fondi rurali,
- il-kwistjoni tal-Freeport, appell, multi u ħinijiet tax-xogħol, kif ukoll li jiġu maħżuna karozzi fil-btieħi tagħhom.
- Power station u l-impjant tal-gass

15/3.1.2 Il-Kunsill qabel li s-Sindku jiċċirkola r-rapport meta jkun ~~l-istess.~~

15/3.1.3 Is-Sindku informa li l-Kunsill nefaq €90 f'żebgħa għall-manutenzjoni tas-sala, u ġew ordnati DVDs sabiex jitqassmu lill dawk preżenti.

15/3.2 Is-Sindku KB informa li propju l-għada, kienet ser tinżamm laqgħa sabiex jiġi diskuss ir-responsabiltà u għaldaqstant il-manutenzjoni ta triq magħrufa bħala South Road / Ta Kalafrana. Il-Kunsill qabel li l-manutenzjoni ta din it-triq għanda tkun f'idejn il-Freeport.

15/3.3 Is-Sindku KB informa li saret laqgħa ma uffiċjali minn Transport Malta sabiex jiġi diskuss il-proġett tal-promenade tal-Qajjenza. L-Uffiċjali irrimarkaw li kien hemm diffikultà fuq il-permess minħabba li kien hemm xogħol fejn kien ser jintmess il-blat. Għaldaqstant saru l-aġġustamenti fi-disinni sabiex tiġi trattata din il-materja. Il-Kunsill ġie infurmat li x-xogħol għandu jibda lejn l-aħħar tas-Sajf, ladarba ikun ippubblikat id-dokument tal-offerta.

15/3.4 Is-Sindku tkellem fuq il-pubblikazzjoni tal-Kunsill li jmiss. Huwa informa li ser ikun hemm informazzjoni fuq il-wirjiet tal-Ġimgħa l-Kbira, informazzjoni fuq il-ġbir ta skart, kif ukoll ser ikun hemm talba għal kummenti fuq sleeping policemen fi Triq San Filippu, bejn Misraħ Hamilkar Barka u Triq il-Ġurġier. Il-kunsill qabel ukoll li jsir working group sabiex tiġi studjata sistema ta traffiku għal Triq San Filippu.

15/3.5 Is-Sindku informa li fil-ġranet li ġejjin ser jerġgħu jiġu assenjati l-inmates. Huwa żied jgħid li ser ikun hemm xi regoli u kundizzjonijiet ġodda. Huwa informa li għaddejjin id-diskussjonijiet relevanti mal-Awtoritajiet sabiex jiġu iffinalizzat il-karti u l-kuntratti relevanti.

15/3.6 Is-Sindku informa li l-proċess tal-proġett taċ-ċirkwit turistiku miexi ġmielu. Huwa informa li kemm id-disinn tal-mappa, kif ukoll il-flyers huma lesti. Huwa żied jgħid ukoll li infetħu l-offerti riċevuti dwar il-pannelli informattivi u ġew evalwati mill-bord. Il-Bord talab numru ta kjarifiki fuq lill numru ta offerti. Is-Sindku informa ukoll li beda l-proċess ukoll fir-rigward tal-website il-ġdida.

15/3.7 Permezz ta' e-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali Memo 6/2016 rigward il-ħinijiet ta ġbir ta skart.

15/3.7.1 Il-Kunsill qabel li m'aħniex affettwati, iżda, mill venda sejjer lejn il-belt, jinġabar wara d-disgħa.

15/3.8 Is-Sindku informa li kellu komunikazzjoni mis-Sur Joe Cardona li huwa l-Head of Rodent Control, li titratta kontroll tal-ħamiem selvaġġ, fejn partikularment ppropona li jsir intervent Wied il-Buni.

15/3.8.1 Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jipproċedi bl-azzjonijiet neċessarji, u tittieħed azzjoni ukoll Fi Triq San Edward, u fejn fil-pjazza tal-Knisja.

15/3.9 Is-Sindku tkellem dwar ir-railings tal-promenade u qal li rappreżentant tal-Kumpanija Silvercraft kien issuġġerilu li jekk ikunu ser jinbidlu, r-railings isiru tal-fibreglass u b'hekk ma jkollomx bżonn manutenzjoni daqs dawk eżistenti.

**15/4** **Mistoqsijiet lis-Sindku**

15/4.1 Il-Kunsilliera JBD staqsiet lis-Sindku, jekk irċeviex ilment mingħand resident/i rigward il-ħruq ta nar mill-pjazza fil-pjazza fiż-żmien tal-festa. Is-Sindku wieġeb fl-affermattiv, madankollu saħaq li dan ma jsirx b'xi permess tal-Kunsill, għaliex dan il-permess jiġi trattat mill-pulizija. Huwa żied jgħid li tali ilment diġà wasal għand il-pulizija li qed titratta il-każ.

15/4.2 Il-Kunsillier HS staqsa lis-Sindku jekk kienx hemm żviluppi dwar id-deċiżjoni tal-Kunsilli li Triq il-Marnisi tiġi tifforma parti minn Marsaxlokk, ladarba hemm qbil bejn iż-żewġ naħat

15/4.2.1 Is-Sindku informa li saret it-talba lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali

15/4.3 Il-Kunsillier SZ staqsa lis-Sindku jekk il-Kunsill ħax passi fir-rigward tat-tabelli tal-BBQs fil-Qajjenza, liema tabella ma saritx mill-Kunsill, iżda intużat l-emblema tal-istess Kunsill. Huwa żied jgħid li minħabba l-żbalji li kien fiha, huwa ħass li l-Kunsill ġie ridikolat.

15/4.3.1 Il-Kunsill innota li l-ebda persuna m'għanda l-jedd tagħmel l-ebda tip ta' senjalazzjoni li huma responsabiltà tal-Kunsill, kemm mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill, kif ukoll li ma jsirux mill-istess Kunsill.

15/4.3.2 Is-Sindku informa li t-tabella għanda tinbidel mill-Kunsill

15/4.4 Il-Kunsillier SZ staqsa lis-Sindku jekk kienx hemm żviluppi fir-rigward tal- ingaġġ ta kuntrattur biex jagħmel xogħolijiet infrastrutturali.

15/4.4.1 Is-Sindku KB informa li l-offerta għadha ma ħarġitx minħabba li qed nistennew l-ispeċifikazzjonijiet mingħand il-perit, u liema Perit ser jintgħażel matul din il-laqgħa. Huwa żied jgħid li jekk ikun xogħol minimu u urġenti, il-Kunsill jista' jaħdem b'ordnijiet diretti sakemm ikunu konformi mal-liġi.

15/4.5 Il-Kunsillier JB staqsa lis-Sindku jekk jistax jinxtara heater sabiex jitpoġġa fl-uffiċju li jintuża mir-rappreżentant tas-sigurtà Soċjali.

15/4.5.1 Is-Sindku wieġeb li preżentement qed jinġabu kwotazzjonijiet għal-sistema ta arja ikkundizzjonata, minħabba li m'hemmx faċilitajiet f'dan l-uffiċju.

15/4.5.2 Il-Kunsill qabel li nel frattemp jinxtara heater żgħir.

**15/5** **Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati**

15/5.1 Ma kienx hemm materji / rapporti u Minuti tal-Kumitati u Sottokumitati.

**15/6** **Rapporti minn Uffiċċjali u Membri tal-Kunsill**

15/6.1 Ma kienx hemm rapporti minn uffiċċjali u Membri tal-Kunsill

**15/7** **Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji**

15/7.1 Is-Sindku KB ressaq għall-approvazzjoni skeda ta' pagamenti bin-numru 02/16, liema skeda ġiet iċ-ċirkolata minn qabel, u għaldaqstant ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

15/7.1.1 Is-Sindku KB talab li jkun konfermat il pagament numru 30. Il-Kunsill innota li l-pagament huwa ġustifikat però għanda issir verifika mal-amministrazzjoni u sussegwentement, joħroġ il-pagament.

15/7.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JBD u sekondata mill-Kunsillier JB, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti imniżżlin fl-iskeda 02/16. Il-Kunsill approva nem con.

15/7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq kwotazzjoni għax-xiri ta Dymo Label Machine sabiex jigu immarkata l-assi tal-Kunsill. Il-Kunsill approva nem con.

15/7.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq talba mingħand il-Contracts Manager, Perit Carmel Cacopardo. Rigward ix-xogħol addizzjonali li qed jagħmel, partikolment fuq l-appell tal Mepa tal-Freeport, u liema xogħol huwa indikat fid-dokument tal-offerta tiegħu.

15/7.4.1 Il-Kunsill innota li possibbilment, it-talba tal-Perit Cacopardo ma għadhiex tregi minħabba kif żviluppaw l-affarijiet dwar din l-applikazzjoni, madankollu l-Kunsill qabel li qabel ma tittieħed deċiżjoni, għandha issir il-verifika neċessarja. Il-Kunsill qabel ukoll li jekk dan huwa minnu, jiġi diskuss mal-Perit Cacopardo ħlasijiet addizzjonali fuq l-applikazzjonijiet tal-Mepa fil-Konfini tal-lokalita.

15/7.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq kwotazzjoni riċevuta mis-Surmast tal-Iskola Primarja, li tirrigwarda materjal għal xogħolijiet fil-latrina tal-librerija.

15/7.5.1 Wara diskussjoni libera, il-Kunsill li lest li jinvesti fil-latrina imsemmija minħabba li din tintuża mill-pubbliku li jżur il-librerija pubblika, madankollu, bil-patt li meta s-sala z-żgħira tal-iskola tintuża mill-Kunsill, il-Kunsill ma jkunx mitlub li jipprovdi għall-Uffiċjal tas-sigurtà.

15/7.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq kwotazzjonijiet għall-website, bl-irħas waħda tkun ta A-Designlab, total ta €944.00

KB

15/7.6.1 Is-Sindku irrimarka li din il-website hija parti mill-pjanijiet tal-Kunsill kif ukoll parti mill-proġett tat-Tourist Trail, u għaldaqstant l-ispejjeż relevanti ser jiġu rimbursati mill-Ministeru tat-Turiżmu

15/7.6.2 Il-Kunsill approva il-bini tal-website ġdida minn A-Designlab.

**NB. Il-Viċi Sindku talab li tinbidel l-ordni tax-xogħol u li jiġu diskussi Materja Numru 10 – Deroġi u Responsabiltajiet, Materja numru 18 – Indafa U Ambjent u Materja Numru 16 Green Urban Projects. Il-Kunsill qabel unanimament.**

**15/10 Deroġi U Responsabiltajiet**

15/10.1 Is-Sindku KB informa li sabiex ikun hemm iktar effiċjenza fl-operat tal-Kunsill, inħass il-bżonn li jsiru xi kambjament żgħar

15/10.2 Is-Sindku KB informa li Il-Kunsilliera LG ser tiġi assenjata bir-responsabiltà ta EU Funding, u l-Magazine tal-Kunsill

15/10.3 Is-Sindku KB informa li l-Kunsilliera JBD ser tiġi assenjata bir-responsabiltà tal-Organizzazjoni tal-Attivitajiet, inklużi dawk kbar li jorganizza l-Kunsill, u Relazzjonijiet mal-Media. Il-koordinazzjoni tal-attivitajiet ser tibqa f'idejn is-Sindku.

15/10.4 Is-Sindku KB informa li r-responsabiltà tal-Animal Welfare ser jeħodha f'idejh.

**15/18 Indafa u Ambjent**

15/18.1 Il-Viċi Sindku JC qal li l-Kunsill mhux isib il-koperazzjoni assoluta mill-Pulizija fejn jidħol żamma ta ndafa u sigurtà fl-ambjent ta madwarna

15/18.2 Il-Kunsillier SZ qal li fil-passat membri tal-korp kienu jagħmlu rondi bil-pass bil-klieb tagħhom, kif ukoll biż-żwiemel. Dawn ir-rondi kienu iservu ta deterrent anke għal abbużi. Huwa żied jgħid li waqt laqgħa li inżammet fejn kien hemm anke preżenti is-Sindku KB, ġie ikkomunikat lill-pulizija sabiex il-vetturi li jkunu ġejjin min-naħa ta Hal Far, jgħaddu minn rotot differenti biex b'hekk ikunu qed jgħaddu mil-qalba tal-Lokalita.

15/18.3 Il-Kunsilliera JBD tkellmet dwar il-problema tas-siringi użati li qed jigu mormija fi spazji pubbliċi. Il-Kunsill qabel li din il-materja titressaq lill-Kabinett.

15/18.4 Il-Kunsilliera JBD tkellmet ukoll dwar il-ħsarat li qed isiru minħabba atti ta vandaliżmu.

15/18.5 Is-Sindku KB informa li huwa kellu laqgħa ma rappreżentanti tal-Aġenzija LESA, fejn dawn il-problemi ġew diskussi. Waqt l-istess laqgħa kien suġġerit mil-LESA li l-Kunsill jinvesti f'dog pit. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta iżda ma tteħtidx deċiżjoni.

15/18.6 Il-Kunsill iddiskuta is-siġar li inqalaw minn wieħed mill-Kuntratturi li qed jaħdem fuq il-piċċ tal-futbol. Il-Kunsill innota li ma kienx hemm konsultazzjoni dwar din il-fażi tal-proġett. Is-Sindku informa li huwa kien kellem lil kuntrattur sabiex is-siġar li inqalaw jinżeraw mill-Kunsill ġol-Lokalita, madankollu, dawn is-siġar ittieħdu mill-kuntrattur. Il-Kunsill qabel li jikteb lil Transport Malta sabiex il-Kunsill jingħata kumpens f'siġar.

**15/16** **<u>Green Urban Areas Project</u>**

15/16.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li wara komunikazzjonijiet varji mad-direttorat tal-Parks fejn saru numru ta kambjamenti żgħar, il-proposta tal-Kunsill ġie aċċettata, u għaldaqstant ser jibda il-proċess ta ħruġ ta offerta.

15/16.2 Il-Kunsillier SZ fakkar li jekk il-kunsill ikun ser jagħmel xi planters, huwa għandu għad-dispożizzjoni tiegħu numru kbir ta pellets tal-injam, li jistaw jintużaw ħall dan l-iskop.

**<u>NB: 7.48 p.m – Il-Viċi Sindku JC talab li jkun skużat.</u>**

**15/8** **<u>Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet</u>**

15/8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet imressqa

**15/9** **<u>Offerti Pubbliċi</u>**

15/9.1 Is-Sindku ressaq għall-konsiderazzjoni tal-Kunsill, ir-rapporti tal-bord tal-evalwazzjoni, liema bord iltaqa' u għamel l-evalwazzjoni fit-8 ta Frar

15/9.1.1 BLC/T/5/2015 – Professional Services of an Architect.– Il-Kunsill laqa' r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Offerti, u qabel unanimament li jagħżel lill-Perit Lewis minħabba ir-raġunijiet li ta l-istess bord.

15/9.1.2 BLC/T/6/2015 – Cleaning and Clearing of Non Urban Roads and Pruning of Trees - Il-Kunsill laqa' ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Offerti, u qabel unanimament li jagħżel lill-irħas żewġ kuntratturi konformi mar-rekwiżiti kollha fit-toroq relevanti, li huma Sur Ronald Bezzina, u is-Sur Saviour Mifsud.

15/9.1.3 BLC/T/7/2015 – Tender for Street Cleaning Services in an Environmentally Friendly Manner – Il-Kunsill laqa' ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Offerti, u qabel

unanimament li jagħżel l-offerta tas-Sur Chris Bezzina minħabba ir-raġunijiet li ta l-istess bord.

15/9.1.4 BLC/T/8/2015 – Tender for the Cleaning and Upkeep of Public Gardens in an Environmentally Friendly Manner – Il-Kunsill laqa' ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Offerti, u qabel unanimament li jagħżel l-irħas offerta konformi mar-rekwiżiti mitluba, dik ta Environmental Lanscape Consortium Ltd minħabba ir-raġunijiet li ta l-istess bord.

15/9.2 Is-Sindku KB informa li l-offerti relatati mas-Servizz ta Accountant ġew ikkunsidrati mill-Kumitat tal-Offerti, liema kumitat ippropona li jinħatar espert biex jgħin fl-għażla. Il-Bord Irrakkomanda lis-Sur George Farrugia minħabba l-esperjenza li għandu. Il-Bord qabel li l-intervisti isiru nhar it-tlieta u jibdew fl-4.00pm. Il-Kunsill qabel.
↳ 23 ta' Frar 2016

15/9.3 Is-Sindku informa li l-offerta ta Street Lighting u tal-Manutenzjoni tad-dwal oħra waslu biex jiskadu. Il-Kunsill qabel li, in linea ma Memo 34/2013, il-Kunsill jingħaqad mar-reġjun. Il-Kunsill qabel li sakemm isiru il-proċessi relevanti, in linea mal-istess Memo, jiġġedded il-Kuntratt eżistenti relevanti mal-manutenzjoni tad-Dwal tat-toroq, u li dan għandu jinkludi ukoll dawk ornamentali.

## 15/10 Derogi u Responsabiltajiet

Din il-materja ġiet diskussa iktar kmieni

## 15/11 Estimi Finanzjarji Għas-sena 2016

15/11.1 Is-Sindku KB ressaq għall-approvazzjoni L-Estimi annwali tal-Kunsill Lokali Birzebbuga għas-sena 2016.

15/11.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JB u ssekondata mill-Kunsillier HS, ittieħed vot favur l-estimi annwali 2016. Il-Kunsill approva nem con.

## 15/12 Pjan ta Ħidma 2016-2018

15/12.1 Din il-materja ġiet diskussa konġuntament ma materja numru 13.

## 15/13 Rapport Finanzjarju għar-Raba' kwart

15/13.1 Is-Sindku KB ressaq għall-approvazzjoni ir-Rapport Finanzjarju tar-Raba Kwart tas-Sena 2015 u l-Pjan ta Ħidma 2016-2018.

V.B

15/13.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill kompla bir-ritmu li qabad sabiex itejjeb il-qagħda finanzjarja tiegħu, u in-fatti, irnexxielu inaqqas l-isbilanċ fl-FSI għal-(3%). Huwa żied jgħid li l-Kunsill irnexxilu iħalli bilanċ pożittiv ta' €264,030, kif jixhed ir-rapport tal-aħħar kwart tas-sena.

15/13.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din is-sena u is-sena d-dieħla, il-Kunsill ser ikompli bir-ritmu li qabad sabiex jitneħħa l-isbilanċ finanzjarju, u huwa stmat li l-Kunsill ser ikun f'pożizzjoni li jwettaq proġetti kapitali fis-sena 2018, kif jixhed il-Pjan ta Ħidma.

15/13.4 Is-Sindku KB żied jgħid li dan ir-ritmu jista' jitwaqqaf jekk ikun hemm xi kambjamenti fin-numru u fil-kwalità ta nies assenjati mal-kunsill taħt skemi varji u li jġegħlu lil-Kunsill jaħdem b'iktar kuntratturi privati. Madankollu huwa żied jgħid li l-Kunsill beħsiebu ikompli jnaqqas l-ispejjeż rikorrenti tiegħu, minħabba li l-offerti l-ġodda relatati mas-servizzi kuntrattwali huma irħas minn dawk li l-Kunsill kellu sas-sena l-oħra.

15/13.5 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier HS u ssekondata mill-Kunsilliera JBD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport Finanzjarju tar-Raba' kwart tas-Sena 2015 u l-Pjan ta Ħidma 2016-2018. Il-Kunsill approva nem con.

**15/14** **<u>Financial Statements sal-aħħar ta' Diċembru 2015</u>**

15/14.1 Is-Sindku KB ressaq għall-approvazzjoni il-Financial Statements tal-Kunsill għas-sena 2015

15/14.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill għalaq is-sena bi profitt ta kważi €41,000, li huwa sinjal tajjeb.

15/14.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier SZ u ssekondata mill-Kunsillier JB, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-Financial Statements 2015 Il-Kunsill approva nem con.

**15/15** **<u>Talbiet għal-Danni sofferti</u>**

**NB: 8.20pm - Il-Kunsillier HS talab li jkun skużat.**

15/15.1 Is-Sindku KB talab lis-Segretarju Eżekuttiv jagħti rendikont tas-sitwazzjoni u tar-rapporti imħejji mil-Bord li twaqqaf mill-Kunsill.

15/15.2 Is-Segretarju informa bir-rakkomandazzjonijiet tal-bord kif ġej:

15/15.2.1 Talba tas-Sur Joseph Camilleri, 510455M, li allegatament ġarrab ħsara fit-tyre tal-vettura tiegħu, liema danni allegatament ġew sofferti fi Triq il-Qajjenza. Il-Bord ma laqax it-talba, minħabba li l-klijent naqas milli jipprova li l-ħsara ġġarbet b'rizultat ta ħofor fit-triq.

KB

15/15.2.2 Talba tas-Sur Yanes Desira, 365782M, li allegatament ġarrab ħsara fi 3 tyres tal-vettura tiegħu, liema danni allegatament ġew sofferti fi triq bla isem marufa bħala Ta Kalafrana. Il-Bord ma laqax it-talba, minħabba li l-klijent naqas milli jikkonvinċi b'mod ċar u unikwivoku lill-bord.

15/15.2.3 Talba tas-Sur Joseph Cutajar, 456380M, li allegatament ġarrab ħsara fil-vettura tiegħu, liema danni allegatament ġew sofferti fi Triq Bengħajsa. Kalafrana. Il-Bord ma laqax it-talba, minħabba li l-klijent naqas milli jipprova il-każ tiegħu skond il-liġi.

15/15.2.4 Talba tas-Sur Vincent Carabott, 799660M, li allegatament ġarrab ħsara fil-vettura tiegħu, liema danni allegatament ġew sofferti fi Triq il-Qajjenza. Il-Bord laqa parti mit-talba minħabba nuqqas ta provi konkreti u rrakkomanda il-ħlas ta €100.

15/15.2.5 Talba tas-Sur Christopher Zerafa, 253182M, li allegatament ġarrab ħsara fil-vettura tiegħu, liema danni allegatament ġew sofferti fi Triq il-Qajjenza. Il-Bord ma laqax it-talba minħabba nuqqas ta provi.

15/15.2.6 Talba tas-Sur Anthony Mangion, 335683M, li allegatament ġarrab ħsara fil-vettura tiegħu, liema danni allegatament ġew sofferti fi Triq San Gorg. Il-Bord laqa parti mit-talba u rrakkomanda il-ħlas ta €122.76

15/15.2.7 Talba tas-Sur Karl Fenech, 61582M, li allegatament ġarrab ħsara fil-vettura tiegħu, liema danni allegatament ġew sofferti fi Triq San Gorg. Il-Bord laqa t-talba u rrakkomanda l-ħlas ta €197.20

15/15.3 Wara mozzjoni imressqa mill-Kunsillier JB, ssekondata mis-Sindku KB, Il-Kunsill laqa unanimament ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bord, u approva il-ħlasijiet fejn huwa relevanti.

**15/16 <u>Green Urban Project</u>**

Din Il-Materja ġiet diskussa iktar kmieni

**NB: 8.35 p.m. Il-Kunsillier HS reġgħa attenda l-laqgħa**
**8.35 p.m. Il-Kunsill qabel nem con li l-laqgħa tiġi estiża b'siegħa**

**15/17 <u>Traffiku u parkeġġ</u>**

15/17.1 Il-Kunsillier SZ tkellem fuq id-disinn propost għal bidu ta Triq Birzebbuga, (ħdejn ir-roundabout). Huwa informa li għad hemm diskussjonijiet għaddejjin fuq dan il-

KB

proġett u dan sabiex ma jkunx hemm overlap ma proġetti oħra ta Transport Malta għall-istess żona.

15/17.2 Il-Kunsill tkellem dwar Triq il-Port Ħieles, u ġie innotat li l-Kunsill mhux qed ikun infurmat jew ikkonsultat fuq dan il-proġett li għaddej bħalissa f'din iz-zona minn Transport Malta.

15/17.3 Il-Kunsillier JB staqsa jekk kienx hemm żviluppi fuq id-disinn propost għal dawret qalb imqaddsa, fid-dawra ta fejn hemm l-ornament tal-gremxula. Il-Kunsillier SZ irrimarka li dan ix-xogħol ikompli jiġi diskuss hekk kif jintagħżel il-perit tal-Kunsill. Is-Sindku informa li qabel ma jsir il-proġett, hemm bżonn li tinġagħab stima u sabiex jiġi ivverifikat jekk il-proġett huwiex vijabbli jew le.

**15/18** **<u>Indafa u Ambjent</u>**

Din il-Materja ġiet diskussa iktar kmieni

**15/19** **<u>Ġonna Parks u Soft Areas</u>**

15/19.1 Il-Kunsillier SZ fakkar fuq il-bżonn li tiġi organizzata is-soft area ta Triq San Patrizju, liema eżerċizzju jirrikjedi li jiċċaqalqu il-cat stations.

**15/20** **<u>Utilitajiet u Servizzi</u>**

15/20.1 Il-Kunsillier JBD staqsa lill-Kunsillier SZ jekk saritx id-diskussjoni mal-Kappillan sabiex jinxteghelu il-fanali ornamentali kollha li hemm fil-pjazza tal-Knisja.

15/20.1.1 Il-Kunsillier SZ wieġeb fin-negattiv, iżda ser jieħu ħsieb il-materja

15/20.2 Is-Sindku KB ressaq kwotazzjoni mingħand Smart Light rigward tabelli taż-żebra crossings b'sistema solari u LEDs.

15/20.2.1 Il-Kunsillier SZ ġie inkarigat jevalwa l-kwotazzjoni.

15/20.2.2 Il-Kunsillier SZ fakkar ukoll li l-istess fornitur ipprovda bi prova it-tabelli elettroniċi Slow Speed fi Triq il-Fossili. F'każ li dawn jogħġbu lil-Kunsill, dawn ikunu jistaw jinxtraw bi prezz ridott hekk kif jgħaddi iż-żmien ta prova. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jinxtraw, minħabba li kienu effettivi.

15/20.3 Il-Kunsillier ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill tlett applikazzjonijiet għal-lampi ġodda.

15/20.3.1 Lampa ġdida fi Triq Ġdida fi Triq 22 ta' Frar. Il-Kunsill Approva.

15/20.3.2 Lampa fuq il-Bring in Sites, f'dawret il-Qalb imqaddsa, liema lampa kienet eżistenti, però għal xi raġuni tneħħiet minn xi ħadd mhux magħruf. Il-Kunsill approva

15/20.3.3 Lampa fi Triq San Franġisk Saverju , sabiex iddawwar il-parkeġġ u l-ispazju pubbliku, Il-Kunsill approva

**15/21** **Infrastruttura**

15/21.1 Ma kienx hemm punti imressqa

**15/22** **Attivitajiet**

15/22.1 Is-Sindku KB għamel referenza għal korrispondenza riċevuta mis-Sur Manuel Portelli, (venompro) li titratta dwar talba sabiex isir kunċert fuq il-Bajja s-Sabiħa, u liema korrispondenza kienet qed tiġi ċirkolata.

15/22.1.1 Il-Kunsill iddiskuta l-kunċert propost u qabel fil-prinċipju li l-kunsill joħroġ no objection għal din l-attività.

15/22.1.2 Il-Kunsill qabel li jinħarġu numru ta kundizzjonijiet, liema jiġu determinati u diskussi mal-organizzatur.

15/22.1.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jabbozza numru ta kundizzjonijiet u li jiġu ċirkolati mal-Kunsilliera

15/22.2 Il-Kunsilliera JBD infurmat bl-attivitajiet li ser ikunu organizzati fil-ġimgħat li ġejjin, u li huma – ġita sal-Aquarium Nazzjonali il-ġimgħa d-dieħla, Attività f'Jum il-Mara, ħarġa tal-Ġimgħa l-Kbira fil-25 ta' Marzu, attività kulturali fis-6 t'April, Weekend break bejn il- 22 u l-24 t'April, u Attività ta Jum l-Omm fis-6 ta Mejju.

15/22.3 Is-Sindku Kevin Barun informa li possibbilment, il-Kunsill, ma jieħux il-fondi kollha mitluba għar-rigward ta l-Attività Espressjonijiet Maltin. Huwa żied jgħid li fl-istess ġurnata jidher li hemm 2 attivitajiet oħra fil-bliet u irħula fil-viċin, u għaldaqstant il-Kunsill għandu tirrikonsidra din l-attività' jekk ikun il-każ

15/22.3.1 Il-Kunsillier SZ irrimarka li possibbilment issir fuq skala iżgħar, issir ġewwa u issir esibizzjoni biss.

K.B

**15/23** **<u>Materji Oħra</u>**

15/23.1 Ma kienx hemm materji oħra

**15/24** **<u>Aġġornament tal-Laqgħa</u>**

15/24.1 Il-Kunsill aġġorna għal-Tnejn 14 ta Marzu fil-5.30pm.

**Il-Laqgħa intemmet fit-9.15 p.m**

| | | |
|---|---|---|
| Kevin Barun<br>Sindku | Svetlick Flores<br>Segretarju Eżekuttiv | 14/3/16<br>Data |